MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 98/2000/1

John u Rita konjugi Attard

Vs

Carmel u Victoria sive Vicky konjugi Azzopardi u b'digriet tat-30 ta' Mejju 2006 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Stephen, Alwin u Josef ahwa Azzopardi stante l-mewt ta' ommhom Victoria sive Vicky Azzopardi fil-mori tal-kawza.

**Kawza dwar dritt ta' passagg – Prova ta' proprjeta' li jrid jaghmel l-attur f'azzjoni negatorja.**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni prezenta fit-30 ta' Mejju 2007 li permezz taghha l-atturi ppremettew li:

Huma proprjetarji u fil-pussess ta' bini u art fi triq tal-Qacca, drabi ohra maghrufa bhala Triq ta' Hamet, Xaghra,

Ghawdex, liema raba' hi accessibbli minn sqaq privat illi jinfed ghal triq tal-Qacca.

Il-proprjeta' ta' l-atturi hi ffurmata mid-dar numru erbghin (40), Triq tal-Qacca, Xaghra b'hames bibien ohra bla numru bl-art annessa maghha illi huma akkwistaw b'diversi kuntratti u ezattament b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi tal-24 ta' Novembru 1978; iehor fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri tal-21 ta' Dicembru 1985, u erbgha ohra fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-28 ta' Frar 1988, 3 ta' Awwissu 1989, l-1 ta' Gunju 1993, u 17 ta' Awwissu 1994, u sussegwentement l-attur kien ittrasferixxa lill-martu attrici (dakinhar xebba Spiteri) nofs indiviz mill-istess immobbli permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-nutar Paul George Pisani tas-26 ta' April 1995.

Dawn l-immobbli jifformaw korp wiehed, imissu mit-tramuntana mat-triq, min-nofsinhar in parti ma' sqaq privat illi minn fuqu il-konvenuti ghandhom id-dritt ta' passagg bir-rigel biss, u mil-lvant ma' beni tal-konvenuti.

Ricentement l-atturi anke wessghu parti minn dan is-sqaq billi qalghu il-hajt li jinsab fuq l-estremita' tan-naha tax-xlok tal-bini taghhom, u dahhluh aktar il-gewwa cjoe' lejn il-majjistral.

Il-konvenuti qeghdin jippretendu li b'daqshekk huma akkwistaw drittijiet fuq l-art tal-atturi fil-parti fejn twessa' s-sqaq kif ukoll qeghdin jippretendu illi huma ghandhom id-dritt ta' passagg b'vetturi ta' kull tip minn fuq dan l-isqaq, mentri huma ghandhom biss id-dritt ta' passagg bir-rigel.

Minhabba dan l-atturi kienu kostretti jipprezentaw mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti sabiex dawn jinzammu milli jghaddu b'vetturi ta' certu kobor minn dan l-isqaq, liema mandate gie akkorda fis-26 ta' Mejju 2000 (numru 56/00) u ghalhekk din il-kawza qeghda ssir anke in sostenn ta' dan il-mandat.

Jekk il-konvenuti jghaddu bit-trukkijiet u vetturi ohra pezanti minn dan l-isqaq sejrin jaghmlu hsara rrimedjabbli

lill-istrutturi illi l-atturi ghandhom iharsu ghal fuq dan l-isqaq.

L-atturi talbu lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti ghandhom dritt ta' passagg bir-rigel u xejn aktar minn fuq l-isqaq illi jinfed ghal Triq tal-Qacca, drabi ohra maghrufa bhala Triq ta' Hamet, Xaghra, Ghawdex liema sqaq jigi fuq in-naha ta' nofsinhar tal-proprjeta' ta' l-atturi.

2. Tiddikjara li parti fejn ricentement l-atturi wessghu dan l-isqaq billi nehhew il-bini antik taghhom, u cjoe' l-estremita' tal-grigal ta' dan l-istess sqaq, ghadha proprjeta' esklussiva tal-atturi u fuqha intom ma ghandkom l-ebda drittjiet kwalsiasi.

3. Sussidjarjament, jekk l-ewwel talba ma tigix milqugha, tiddikjara illi jekk intom tghaddu minn dan is-sqaq b'vetturi pezanti intom sejrin tikkagunaw hsarat ingenti lill-istrutturi li l-atturi ghandhom fronteggjanti fuq dan l-istess sqaq.

4. Tinibikom defenittivament milli tghaddu minn go dan l-istess sqaq b'vetturi ta' kwalunkwe tip, u f'kaz illi l-ewwel talba ma tigix milqugha, tinibikom defenittivament milli tghaddu minn go dan l-istess sqaq b'vetturi illi ghandhom toqol ta' aktar minn tunellata.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentat fit-13 ta' Gunju 2000 (fol. 27), il-konvenuti eccepew:

1. Il-passagg jew sqaq hu passagg pubbliku u mhux wiehed privat kif qieghed jigi allegat mill-atturi.
2. L-atturi ilhom snin twal ighaddu bil-vetturi minn dan l-isqaq u qabel kien jintuza wkoll biex ighaddu minnu l-bhejjem bil-karettuni.
3. L-allegazzjoni tal-atturi li l-konvenuti ghandhom biss dritt ta' passagg bir-rigel minn dan l-isqaq hi nfondata fil-fatt u fid-dritt fosthom ghaliex huma l-istess atturi li juzaw dan l-isqaq biex jghaddu bil-vetturi taghhom.

4. Il-konvenuti qatt m’ghaddew b’vetturi kbar li permezz taghhom ikkawzaw xi hsarat lill-atturi jew lil xi terzi anzi kien l-attur li ghadda diversi drabi minn dan l-isqaq b’vetturi pezanti u kkawza hsara lill-proprjeta’ ta’ terzi.

Rat l-atti tal-kawza inkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet li gew prezentati mill-partijiet.

Rat ir-rapport prezentat mill-perit tekniku Joseph Mizzi fit-23 ta’ Frar 2007 wara li gie mahtur b’digriet moghti mill-Qorti fit-12 ta’ Lulju 2006.

Rat ukoll l-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 56/2000 fl-istess ismijiet u li gie degretat fis-26 ta’ Mejju 2000. Permezz ta’ dawn il-proceduri l-atturi talbu lill-Qorti sabiex tinibixxi lill-konvenuti milli jidhlu fil-passagg b’ingenji kbar u pezanti. Fis-seduta li kienet saret quddiem il-Qorti, il-konvenuti jghidu li l-isqaq kienu juzawh biss biex ighaddu bil-vetturi privati sabiex jitqieghdu f’garaxx. Obbligaw ukoll ruhhom li ma jaghmlux uzu mill-isqaq biex ighaddu f’vetturi li ghandhom piz ‘il fuq minn tunellata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Mejju 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kwistjoni hi dwar passagg li jidher fir-ritratt Dok. JA1 (fol. 36) li l-atturi qeghdin jippretendu li l-konvenuti ghandhom id-dritt li jghaddu minn parti minnu bir-rigel biss. Fl-ebda parti tac-citazzjoni jew tad-dikjarazzjoni annessa ma’ l-istess, l-atturi ma jsostnu li dan il-passagg privat hu proprjeta’ taghhom (bl-eccezzjoni ta’ dik il-parti li twessghet). Lanqas ma ressqu xi provi f’dan ir-rigward. Huma jsostnu li ghandhom kull dritt li *“jitolbu illi l-konvenuti jghaddu minn dan is-sqaq b’vetturi pesanti”* in kwantu ma jridux li jigu kagunati *“hsarat ingenti u irrimedjabbli lill-istrutturi illi l-esponenti ghandhom iharsu ghal fuq dan l-istess sqaq”*. Mill-provi ma jirrizultax x’inhuma dawn l-istrutturi ghalkemm il-Qorti qeghda tifhem li dan hu l-hajt divizorju li jikkonfina l-isqaq mill-proprjeta’ ta’ l-atturi.

Lanqas ma rrizulta li l-konvenuti kkawzaw xi hsara fil-proprjeta' ta' l-atturi.

2. Permezz tal-kuntratt tal-1 ta' Gunju 1993 (fol. 15) fl-atti tan-nutar Paul George Pisani l-attur xtara *"l-fond fix-Xaghra Ghawdex, Triq Hamet, numru disgha u tletin (39) u zewg bibien ohra bla numru, flimkien mad-drittijiet taghhom vendituri kollha fuq bicca raba' annessa mal-imsemmi lok ta' djar bil-kejl ta' circa mitejn u disghin metri kwadri (290mk) jew kejl verjuri u tmiss mil-lvant mal-fond in vendita u mill-irjieh l-ohra kollha ma' beni tal-kompratur, u liema raba' diga' tinsab okkupata mill-kompratur,* ***kif ukoll id-drittijiet kollha lilhom vendituri spettanti fuq passagg attigwu ghall-imsemmi lok ta' djar****, l-intier liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu"*.

3. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi jsostnu li l-azzjoni *"hija fin-natura taghha azzjoni negatoria ghar-raguni li bis-sahha taghha l-atturi qeghdin jintentaw li jottjenu dikjarazzjoni fis-sens illi minn fuq l-isqaq ghal Triq tal-Qacca, il-konvenuti jezercitaw biss dritt bir-rigel u mhux dritt li jghaddu wkoll bl-ingenji"*.

""***Si dice negatoria l'azione spettante al proprietario per difendersi da quelle usurpazioni, che, senza sopprimere interamente il dominio sulla cosa ….arrecano delle limitazioni all'ezercizio del medesimo, e si dice negatoria perche' tende a negare un diritto vantato dal convenuto. <u>L'actio negatoria, secondo l'opinione prevalente, ha luogo ogni qual volta avenga un'ingusta restrizione del diritto di proprieta</u>***"" (estratt mid-Digesto Italiano citat fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Sultana et vs Joseph Cremona et** deciza fil-21 ta' Novembru 2006).

F'din l-istess sentenza saret riferenza ghal bran iehor mill-volum Digesto Italiano fis-sens li:

"***Fondamento dell'azione negatoria essendo la proprieta', <u>l'attore deve provare in primo luogo che egli e' proprietario</u> …. In secondo luogo l'attore deve provare la sofferta restrizione del suo diritto di proprieta', per fatto del convenuto. Se questi vuole sostenere che egli aveva diritto di compiere il fatto di cui l'attore sa lagna, deve fornire la prova, poiche tale fatto limita l'esercizio del diritto di proprieta' che e' illimitato per sua natura***"

L-awtur Francesco Ricci jsostni li:

*"L'azione negatoria, come indica lo stesso nome, tende a far riconoscere la liberta` del fondo, ed escludere percio` la servitu` che altri pretenda di esercitare sul medesimo. Devesi proporre dal proprietario del fondo, che vuolsi far dichiarare libero, contro il proprietario del fondo, a cui profitto si pretende esercitare la servitu' …"* (Corso Teorico – *Prattico di Diritto Civile* (Torino ed. 1886 vol. II para. 473).

Hekk ukoll l-awtur Giulio Venzi (*Manuale di Diritto Civile Italiano*, UTET 1931, pagna 296) jispjega li fl-azzjoni negatorja, *"l'azione negatoria e' quasi una rivendicazione parziale; e' data al proprietario contro ci pretenda di avere un diritto reale sulla cosa, diritto che egli nega.* ***<u>Il proprietario deve provare il suo diritto di proprieta', e l'atto che ha turbato il suo godimento</u>****; quando ha dato queste prove, non deve far altro, e cio' per effetto del carattere di esclusivita' che ha il diritto di proprieta'. Spetta al convenuto di provare il diritto reale che pretende, e se non fa questa prova, il giudice dichiara la inesistenza del preteso diritto"* (sottolinejar tal-Qorti).

Fejn l-attur jaghti prova li hu l-proprjetarju, l-oneru tal-prova jisposta ghal fuq il-konvenut, fis-sens li ghandu l-oneru li jaghti prova tad-dritt li jippretendi li ghandu; *"Questa regola costituisce una conseguenza, sul terreno probatorio, del principio che il diritto di proprieta' non incontra limiti che non siano stability dalla legge o dalla volonta' del proprietario: essa, cioe', si presume libera da pesi. Incombe, pertano, a chi sostiene l'esistenza di*

*limitazioni, l'onere di fornirne la dimostrazione"* [Andrea Torrente u Piero Schlesinger, *Manuale di Diritto Privato*, pagna 333)[1]].

4. Minn qari tac-citazzjoni jirrizulta li l-atturi qeghdin jippretendu zewg affarijiet:

(a) Minn parti mill-isqaq (dik wiesgha 2.7 metri), il-konvenuti ghandhom biss dritt ta' moghdija bir-rigel; u
(b) Mill-kumplament tal-isqaq il-konvenuti ma ghandhomx id-dritt li jghaddu minnu peress li din il-parti tal-passagg (dik konfinanti mal-proprjeta' tal-atturi) hi proprjeta' ta' l-atturi u m'hemm l-ebda servitu' favur il-proprjeta' tal-konvenuti. Dan in kwantu li l-atturi jsostnu li wessghu l-passagg billi ziedu mieghu parti mill-art proprjeta' taghhom.

5. Min-naha taghhom il-konvenuti qeghdin isostnu li l-passagg hu pubbliku u mhux privat. Prova ta' dan ma tressqitx u fin-nuqqas ta' prova l-Qorti ma tistax tipprezumi li dan il-passagg hu pubbliku. Jirrizulta wkoll li dan il-passagg li jaghti ghal fuq triq tal-Qacca, ma jinfidx u jwassal sal-proprjeta' ta' l-atturi.

6. Min-naha l-ohra l-atturi jridu jaghtu prova li l-passagg hu l-proprjeta' taghhom. Fatt li hu rikonoxxut mill-atturi stess in kwantu fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fid-9 ta' Awwissu 2007 iddikjaraw li fl-azzjoni prezenti, *"….kulma ma ghandu jipprova l-attur f'kawza ta' dina x-xorta hu li huwa tassew sid il-post li fuqu qieghed jigi pretiza is-servitu'"*. Il-konvenuti qeghdin isostnu li l-passagg m'huwiex proprjeta' tal-atturi[2]. Mill-kuntratt tal-1 ta' Gunju 1993 fl-atti tan-nutar Pisani, ma jinghadx li l-attur kien qieghed jixtri minghand il-vendituri l-art fejn hemm dan il-passagg, imma akkwista sempliciment id-drittjiet li l-vendituri kellhom fuq dan il-passagg. Il-kuntratt ma

[1] Giuffre' Editore, 1981 (Edizzjoni numru 11).
[2] Ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-konvenuti (parti ntestata *"sqaq pubbliku"*).

jidentifikax x'inhuma dawn id-drittijiet u wisq inqas xi prova f'dan ir-rigward min-naha tal-atturi. Il-Qorti hi tal-fehma li dwar il-proprjeta' ta' l-isqaq l-atturi kellhom iressqu prova sodisfacenti, cjoe' li l-awturi taghhom kienu proprjetarji tal-passagg u li l-passagg kien wiehed mill-oggetti tal-kuntratt ta' bejgh. Prova ta' dan m'hemmx. L-attur xehed: *"qabel ma xtrajt il-parti imsemmija fuq il-kuntratt ta' l-ewwel (1) ta' Gunju elf disa mija u tlieta u disghin (1993) jiena kont hallast Lm100 lil Vincenza Mizzi sabiex inkun nista' nghaddi minn dan l-passagg u li nkun nista inwessa dan is-sqaq. Dan tista' tghidu hi stess. Il-hajt li jmiss ma dan il-passagg kien tas-sejjieh u jiena ghamiltu bil-kantun"* (fol. 33). Vincenza Mizzi ma xeheditx f'dawn il-proceduri. Anke fis-sottomissjonijiet taghhom l-atturi llimitaw ruhhom biex fil-parti ntestata *"l-Applikazzjoni tal-Principji Legali ghall-Kawza Odjerna"* ressqu argumenti biss dwar il-proprjeta' tal-passagg limitatament fir-rigward ta' dik il-parti li giet mizjuda ma' dak li kien diga' ezistenti u li minn fuqu l-atturi jsostnu li l-konvenuti ghandhom biss dritt ta' passagg bir-rigel. Jidher li l-passagg gie mwessgha sabiex (skond l-atturi) l-attur ikun jista' jidhol bit-trukk tal-gwiez b'iktar kumdita'. Ma tressqux argumenti dwar il-proprjeta' tal-moghdija originali. Fil-fehma ta' din il-Qorti lanqas ma jista' jinghad li f'dan il-kaz ghandu japplika l-Artikolu 20 tal-Ligijiet ta' Pulizija (Kap. 10) li jittratta "Fuq it-Toroq", in kwantu minn qari ta' l-istess hu evidenti li l-prezunzjoni **hi ntiza biss ghal dik il-ligi u mhux biex tirregola l-kwistjoni ta' proprjeta' ghal finijiet tal-ligi civili**. F'kull kaz, anke jekk biss ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jaddotta l-prezunzjoni li l-isqaq hu proprjeta' tas-sidien ta' kull proprjeta' li tmiss mieghu, mela din l-azzjoni (li l-atturi espressament iddikjaraw li hi *actio negatoria*) ma tista' qatt tirnexxi kif proposta ghaliex jekk wiehed kellu jaddotta l-argument tal-komunjoni tal-isqaq ma jkunx kaz ta' fond dominanti u fond servjenti kif inhu fil-kaz ta' servitu' ta' passagg.

Hu minnu li l-konvenuti bbazaw fuq xhieda u naqsu milli jipprezentaw il-kuntratt ta' akkwist taghhom. Hu maghruf li fejn si tratta ta' servitu' ta' passagg din trid tirrizulta minn titolu in kwantu s-servitu' ta' moghdija hi min-natura taghha mhux kontinwa u ma tistax tigi akkwistata bil-

preskrizzjoni, bl-eccezzjoni fejn il-proprjeta tkun interkjuza u m'ghandhiex access minn fuq proprjeta' ohra (Artikolu 469[2] tal-Kodici Civili). Skond il-konvenuti huma xtraw il-proprjeta' minghand certu Rita Rapa minn Ghajnsielem accessibbli mill-isqaq in kwistjoni. Hemm verzjonijiet kontrastanti dwar jekk l-uzu tal-passagg kienx isir bl-ingenji jew bil-vetturi (qabel bil-karrettun). Pero' fil-fehma tal-Qorti, bil-mod kif l-atturi mpostaw il-kawza (anke bl-argumenti li ghamlu fin-nota ta' sottomissjonijiet), ma tistax tirnexxi gialadarba l-atturi ma tawx prova li l-parti tal-isqaq originali hi proprjeta' taghhom. Il-fatt li ma tressqitx prova li l-passagg hu pubbliku ma jfissirx b'daqshekk li l-passagg hu proprjeta' ta' l-atturi.

7. Mix-xhieda moghtija minn Eugenio Debono jirrizulta li bejn is-sena 1957 u 1978 il-passagg in kwistjoni kien wiesgha circa tnejn punt sebgha metri (2.7m) jew circa disgha piedi (9'). Skond ir-rapport tal-perit tekniku Joseph Mizzi, *"l-esponent kejlu u sabu li fih 10 piedi (average[3]) u ghaldaqstant jaqbel mal-kejl mehud minn Egenio Xuereb (recte Debono)"* (fol. 162)[4]. Jirrizulta ghalhekk li hu minnu li f'xi zmien dan l-isqaq twessgha medja ta' 0.348 metri (jew 1.14 piedi).

M'hemmx dubju wkoll li din il-parti tal-isqaq zejjed ittiehdet mill-proprjeta' li hi tal-atturi. Fil-fatt dan l-isqaq jikkonfina mal-proprjeta' li xtraw l-atturi. Fuq in-naha l-ohra hemm bini antik hafna u mill-provi hu evidenti li:-

.

(a) L-isqaq twessgha wara s-sena 1978;

(b) Mir-ritratti mehuda mill-arju tal-1957 u tal-1978 (fol. 88) jidher bic-car li l-uniku post minn fejn seta' twessgha dan l-isqaq kien billi ttiehdet parti mill-art li kienet tikkonfina mal-isqaq li kien gja ezistenti u li kienet tifforma parti mill-proprjeta' tal-awturi tal-atturi. Dan in kwantu mill-istess ritratti jirrizulta li l-bini antik faccata l-hajt tal-kantun li nbena mill-atturi (ara ritratt Dok. JA1 fol. 36) kien diga' ezistenti f'dawk is-snin.

---

[3] Ekwivalenti ghal 3.048 metri.
[4] Ara wkoll xhieda moghtija minn Eugenio Debono fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2004.

(c) Mir-ritratt mehud mill-ajru tal-1994 (fol. 96) u l-kejl indikat fl-istess dokument, jirrizulta li sa dakinhar il-passagg kien diga' twessgha.

(d) Mix-xhieda moghtija minn Joseph Attard (seduta tal-1 ta' Awwissu 2003) ghandna konferma li kien hu li ghamel xoghol li bih twessgha l-isqaq. Fil-fatt iddikjara, *"hemmhekk kien hemm hajt tas-sejjiegh, waqqajtu jiena bil-gaffa, lanqas kienet tghaddi l-gaffa, jigifieri gaffa zghira B100…."* (fol. 66).

F'dan ix-xenarju l-Qorti ma tistax tistrieh fuq ix-xhieda moghtija minn iben il-konvenuti (Stephen Azzopardi)[5] li l-isqaq djieq fil-wisa'. Il-provi juru mod iehor.

8. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqies li gialadarba l-atturi ma tawx prova li l-passagg (dik il-parti li kienet ezistenti qabel sar ix-xoghol li bih twessgha l-isqaq) hu proprjeta' taghhom, ma jistghux jirnexxu fl-azzjoni taghhom. Kif wisq tajjeb jinghad fis-sentenzi li saret riferenza ghalihom mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet, l-*actio negatoria* tmiss lill-proprjetarju u sabiex tirnexxi l-attur irid jaghti prova li hu ghandu drittijiet ta' proprjeta'. Anke jekk wiehed kellu jargumenta li fir-rigward ta' din il-parti tal-passagg, l-azzjoni ta' l-atturi ma tikkwalifikax bhala *actio negatoria*, xorta ma tressqet l-ebda prova li l-konvenuti ghaddew mill-isqaq b'vetturi kbar u kkagunaw xi hsara fil-proprjeta' tal-atturi. Mhux l-istess jinghad fir-rigward tat-tieni talba tac-citazzjoni, cjoe' l-parti tal-passagg li giet imwessgha mill-atturi u li skond il-perit tekniku Joseph Mizzi fiha (wara li rrifera ghax-xhieda moghtija minn Eugenio Debono u kejjel il-wisa' tal-isqaq kif inhu llum) kejl ta' 0.348 metri jew 1.14 piedi min-naha ta' fejn il-hajt tal-kantun li nbena mill-atturi. Kejl li ma giex kontestat mill-atturi. Dan apparti l-fatt li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi ddikjaraw li *"Il-wisa' ta' l-isqaq huwa korraborat minn Eugenio Debono tal-MEPA Planning Unit. Fil-fatt minn aerial photo mehud fil-hamsinijiet, il-wisa' ta' l-isqaq jirrizulta li kien bejn wiehed u iehor ta' tnejn punt seba' metri (2.7m)"*. Fuq din il-parti

[5] Seduta tad-19 ta' Ottubru 2004 (fol. 105-108).

mill-isqaq m'hemmx dubju li l-konvenuti m'ghandhom l-ebda dritt ta' passagg in kwantu ma tifformax parti mill-isqaq originali, u il-Qorti hi sodisfatta li hi proprjeta' tal-atturi u min-naha taghhom il-konvenuti ma ressqux prova li hemm xi servitu' fuq din il-parti.

9. Permezz tar-raba' talba l-atturi qeghdin jitolbu li l-Qorti tinibixxi defenittivament lill-konvenuti milli jghaddu mill-passagg b'vetturi ta' kwalunkwe tip. Apparti l-konsiderazzjonijiet fil-meritu li diga' saru, f'dan il-kaz il-Qorti m'hijiex tqies it-talba bhala wahda ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni perpetwu. Hu minnu li mandat ta' inibizzjoni ma jistax jinzamm ghal dejjem. Pero min-naha l-ohra jista' jkollok sentenza ta' Qorti li zzomm lill-konvenut milli jaghmel xi haga li tista' tkun qeghda tippregudika d-drittijiet tal-attur. Permezz ta' din it-talba jidher li l-atturi qeghdin ifittxu li jzommu lill-attur milli jghaddi mill-isqaq permezz ta' vetturi. Din it-talba ser tigi milqugha limitatament ghal dik il-parti mill-isqaq li kif rajna l-konvenuti m'ghandhomx dritt ta' moghdija fuqha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi ghar-ragunijiet fuq moghtija tichad l-ewwel eccezzjoni u tilqa' t-tielet (b'rizerva ghal dak li ser jinghad hawn taht dwar dik il-parti tal-isqaq li l-fuqu l-konvenuti m'ghandhomx drittijiet):

1. Tichad l-ewwel talba ta' l-atturi.

2. Tilqa' t-tieni talba u fl-istess waqt tiddikjara li l-konvenuti m'ghandhomx dritt ta' passagg minn dik il-parti tal-isqaq li ghandha wisa' ta' 0.348 metri jew 1.14 piedi u mkejjel mill-wicc tal-hajt tal-kantun li jaqsam l-isqaq mill-proprjeta' tal-atturi.

3. Tichad it-tielet talba in kwantu ma saret ebda prova f'dan ir-rigward.

4. Tilqa' r-raba' talba limitatament billi zzomm lill-konvenuti milli jghaddu bi kwalsiasi mezz minn dik il-parti tal-isqaq li ghandha wisa' ta' 0.348 metri jew 1.14 piedi, u

mkejjel mill-wicc tal-hajt divizorju (min-naha tal-isqaq) li jaqsam l-isqaq mill-proprjeta' tal-atturi.

Spejjez (inkluzi dawk relatati mal-mandat ta' inibizzjoni numru 56/2000) jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-kontendenti b'dan li l-ispejjez dwar l-ewwel u t-tielet talba huma a karigu tal-atturi, u dawk tat-tieni talba u tal-ewwel eccezzjoni a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------